MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

Il-Gimgħa, 26 ta' April 2024

Il-Kunsilli Lokali San Lawrenz ltqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, San Lawrenz fit-8.30 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa – Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Paul Camilleri - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Claire Hili – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 68.1 Talba

## 68.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

**68.2.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ma setghetx tipprezenta l-Minuti tal-laqgħa preċedenti peress li ma kienx hemm informazzjoni dwarhom mis-Segretarja Eżekuttiv qabel ħarġet bl-unpaid leave. . Dawn se jinqraw fil-laqgħa li jmiss.

## 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

**68.3.1** Is-Sindku qal li se ssir Ħarga fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm nhar il-15 ta' Mejju. Ser issir quddies fil-knisja ta' Marsalforn, ikla u ħin ta' rilassament fl-Odyssey Restaurant. Għal din l-okkażjoni ser tingħata qasrija lil dawk kollha preżenti.

**68.3.2** Is-Sindku qal ukoll li x-xogħol fuq is-sala taċ-Ċentru miexi ġmielu u li ħarġet l-offerta fuq ix-xogħol li jrid isir fuq l-artist workshop tal-proġett il-ġdid tal-GAGF. Dan ix-xogħol dalwaqt jibda. Din is-sala se tiġi ridekorata biex tintuża għal laqgħat minn diversi ngo's u anke mill-Kunsill.

**68.3.3** Is-Sindku fakkar ukoll biex niċċekjaw mal-Enemalta dwar l-applikazzjonijiet li għandna pendenti tal-bozoz fi Triq il-Wilġa ta' gidrin u Triq id-Duluri. Qal ukoll li hemm diversi bozoz maħruqin jew ipetptu fi Triq ir-Rokon u fil-plots li jridu jiġu rrapurtati.

**68.3.4** I s-Sindku ħass li għandu jinforma lill-Kunsill li huwa li minkejja d-diversi e-mails li bgħat lid-Dipartiment, l-allokazzjoni baqgħet ma ntbagħtietx fil-ħin u għalhekk il-Kunsill ma jistax jopera kif suppost peress li pagamenti ma jistgħux isiru.

**68..3.5** Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn xi nies li talbu li jsir taraġ għal ġol-baħar fil-bajja tad-Dwejra. Talab sabiex tinbgħat ittra lid-Dipartiment biex isir dan. Semma wkoll li sar xogħol ta' żebgħa fid-Dwejra qabel Il-Fiera u li din kienet suċċess u kollox mar sewwa.

**68.3.6**Is-Sindku tkellem ukoll dwar Sqaqien. Huwa qal li kien hawn diversi kummenti pożittivi, kemm mir-residenti li kkoperaw bil-kbir u anke mill-mijiet li żaru din l-attività. L-attivita kienet suċċess. Qal ukoll li meta laqqa' lil helpers kollha ta'Sqaqien, anke dawn kellhom kliem ta' inkoraġġiment u kummenti sbieħ. Suġġeriment li kulhadd qabel fuqu kien li jiżdied il-ħin tal-attivita b'siegħa.

## 68.4 Kummenti mill-Kunsilliera

**68.4.1** Il-Kunsillier Joseph Cauchi staqsa dwar il-latrini tad-Dwejra. Dawn infetħu. Is-Sindku qal li rridu niktbu lil Ministeru biex ikun hemm "attendant" aktar frekwenti fil-latrini tad-Dwejra.

**68.4.2** Il-Vici Sindku Anthony Formosa ssuġġerixxa li ssir talba lil Ministeru biex issir tabella "Keep the Slip Way Clean and Clear" peress li din dejjem tkun żgumbrata bit-tagħmir tal-bugħaddasa.

**68.4.3** Il-Viċi Sindku, Toni Formosa, ġibd l-attenzjoni fuq it-tabelli tad-Dwejra. Dawn kollha għandhom bżonn jinbidlu għax kollha ġew vandalizzati.

## 68.5 Għeluq tal-Pjazza fis-Sajf

**68.5.1** Is-Sindku issuġerixxa li l-Pjazza għandha terġa tibda tingħalaq kull nhar ta' Sibt mis-6 ta' Lulju. Dan sabiex il-Pjazza titgawda mir-residenti u b'mod speċjali mit-tfal. Kien hemm qbil dwar dan.

**68.5.2** Is-Sindku semma wkoll li issa ż-żmien li nżuru La Balme De Sillengy qed joqrob sewwa u għalhekk irridu nibdew naħsbu biex niġbru id-depożiti u jsiru l-arranġamenti neċessarji.

## 68.6 Summer Fun Club għat-Tfal

**68.6.1** Is-Sindku qal ukoll li peress li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni se jkun qed jorganiżża Summer Club fl-iskola tagħna, din is-sena s-Summer Club li s-soltu jorganiżża l-Kunsill ma jsirx. Kien hemm qbil dwar dan.

## 68.7 Għeluq ta' Tenders

**68.7.1** Is-Sindku fakkar ukoll dwar l-għeluq tat-tenders, fosthom tar-Restawr tal-Ark tal-Palk taċ-Ċentru u anke tal-upgrading tas-Sala tal-workshop tal-artist residency u anke dik tal-Bollards tal-Pjazza li tinkludi magħha spejjeż addizzjonali peress li l-aħħar żewġ tenders ġew jiswew ftit aktar. Il-Kunsill approva t-tenders kollha msemmija.

**68.7.2** Is-Sindku semma wkoll li issa li l-Audit tlesta, l-Accounts jridu jigu approvati. Kien hemm qbil dwar dan u li jiġu ffirmati.

## 68.8 Proposta ta' One Way fi Triq Cangura

**68.8.1** Is-Sindku ressaq il-proposta biex Triq Cangura terġa tiġi One Way peress li ftit tal-ġranet ilu seħħ incident f'din l-istess triq li seta' kien fatali. Wara diskussjoni kif l-aħjar li jsir ix-xogħol is-Sindku ppropona li għandna nagħmlu laqgħa ma Transport Malta biex issir diskussjoni magħhom fejn niddiskutu il-possibilita li l-One Way tinqaleb bil-kontra, jiġifieri il-karozzi jitilgħu minn Triq Cangura u jinżlu minn Triq id-Duluri. Dan biex forsi tissolva din il-problema.

## 68.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

**68.9.1** Gew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u giet iffirmata l-iskeda tal-pagamenti.

## 68.10 Tmiem il-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**68.10.1** Il-laqgħa ntemmet fl-9.45am u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Gimgħa 24 ta' Mejju fit-8.30am

Noel Formosa
Sindku

Claire Hili
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Noel Formosa
Sindku

Claire Hili
Dep. Segretarju Eżekuttiv